# RUGGIERO SETTIMO

Ruġġieru Settimo, wieħed minn tal-Familja tal-Prinċpijiet ta' l'Italja u ġej mill-ġebbieda ta' De Settimo ta' Pisa, twieled f'Palermu, fid-19 ta' Mejju 1778. Min-naħa t'ommu kien jiġi mill-Prinċipessa ta' Aragona, u għalhekk nieżel mir-Rejjiet tan-Normanni ta' Sqallija, jiġifieri mill-Konti Ruġġieru.

F'żogħżitu daħal fl-armata tal-baħar tar-Renju ta' Napli u Sqallija, fejn għadda ħafna l-quddiem u laħaq Viċi Armirall.

Fi żmien il-gwerer ta' Napuljun Bonaparti, kien fuq il-bastimenti tal-Gvern ta' Napli. Ħa sehem, flimkien mal-Ġfien Ingliżi, f'bosta taqbid kontra l-Franċiżi fil-baħar Mediterran, fejn ġie mfaħħar ħafna, l-aktar fil-waqgħa ta' Tulun u ta' Genova, u fl-assedju ta' Gaeta.

Fit-tbaħħir tiegħu għamel kemm felaħ biex jeħles mill-jasar, dejjem minn flusu, ma' kemm irsiera Sqallin kien jiltaqa' fl-Affrika.

Ruġġieru, barra t-tbaħħir, kien ta' ruħu wkoll għall-Letteratura.

Meta r-Re ta' Napli ħarab u mar jistkenn fi Sqallija, u hemm ġie mwaqqaf Gvern Kostituzzjonali, Ruġġieru Settimo

kien wieħed minn dawk li l-aktar ħadmu għal ħutu biex ir-Re jati ħlusija kbira fil-Ħakma.

Fl-1812 ġie magħmul Ministru ta' l-art u l-baħar, fejn, għal għamilu u l-ħlewwa tiegħu, sar maħbub u miqjum, m'hux biss mill-Isqallin ħutu, imma wkoll mill-Gvern Ingliż, l-aktar mill-Kummissarju Lord Bentick.

Wara li spiċċaw il-gwerer ta' Napuljun, ir-Re Ferdinandu I raġa' mar jaħkem f'Napli. Iżda billi dana r-Re naqas minn kelmtu, għax ma riedx jissokta jati l-imwiegħda Kostituzjoni li kien ta fi Sqallija, fi żmien ta' biża' u taqtigħ ta' qalb, Ruġġieru telaq minn Ministru. B'dan il-għamil, Ruġġieru ried jati jifhem lir-Re li huwa ma jaqbilx mal-fehma kiefra tiegħu.

Il-Gvern tal-Borboni (ta' Napli u Sqallija), biex jarġa' jiġbdu għal-miegħu, bosta drabi ried jatih impiegi għoljin, iżda Settimo ta' kull darba ma jilqagħhomx.

Fl-1820, Settimo ħa sehem fir-rewwixta li qamet kontra l-Gvern tal-Borboni; iżda dina ma kellhiex ħajja twila wisq, għax ġiet maħnuqa malajr.

Fl-1848, l-Isqallin reġgħu qamu għall-Gvern Naplitan. Limxewxa rnexxielhom igħaqqdu Gvern sewwa għalihom u bil-Parlament tagħhom, u hekk kienu ġew magħrufa minn Franza u mill-Inghilterra.

Ruġġieru Settimo ġie maħtur bi President tar-Repubblika ta' Sqallija, fejn, fiż-żmien li dam, sar il-maħbub ta' kull-ħadd.

Iżda, billi Sqallija, wara sittax-il-xahar ta' Gvern għaliha, reġgħet waqgħet mill-ġdid taħt idejn it-Truppi Naplitani, Settimo kellu jaħrab minn Sqallija u baqa' ġej lejn Malta.

Il-Gvern Ingliż, għall-ħtieġa ta' Settimo, bagħat il-vapur *Bulldog* f'Palermu, il-Belt ewlenija tar-Repubblika ta' Sqallija.

Ruġġieru telaq minn Palermu fis-27 ta' April 1849, u wasal hawn Malta l-għada, fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar. Malli d-dgħajsa tal-*Bulldog* nizżlitu d-Dwana, sab jistennewh bosta Sqallin. Dawn kienu waslu hawn, maħruba minn Arthom, xi ġranet qabel. Hekk kif Settimo medd riġlu fl-art, neħħew il-kpiepel u sellmulu. Għal dina l-laqgħa u l-qima kollha, Settimo kiser qalbu u ma felaħx jitkellem u jgħid ħlief: "Imsejkna Sqallin ħuti". Imbagħad Settimo rikeb il-karrozza u baqa' sejjer fil-Lukanda tas-sur Baker, fejn hemm kellu mhejji appartament għalih

Settimo, fit-30 ta' April, fil-ħdax ta' fil-għodu, mar abbord tal-ġifen Ingliż *Caledonia*, biex jagħmel żjara lil-Vici Armirall Parker, ħalli jiżżihħajr ta' kemm għamlet miegħu l-Marina Ingliża. Parker laqa' ħafna lil Settimo, u stiednu biex, għal fil-għaxija, imur jiekol miegħu fuq il-*Caledonia*.

Fuq il-*Bulldog*, ma' Settimo, kienu ġew maħruba wkoll il-Prinċep ta' San Ġużepp, il-Kavalier Ascenso ta' Santa Rosalia, il-Baruni u l-Barunissa Martinez u l-Baruni Porcelli.

Qabel dawn, hawn Malta, kienu waslu wkoll bosta Sqallin maħruba minn Arthom. Bdew ġejjin il-hawn sa minn xħin kien inħaseb biex Palermu jerġa' jintelaq f'idejn it-Truppi Naplitani. L-ewwel ruxxmata ġiet fid-19 ta' April 1849, fuq il-vapur Franċiż *Independant*. Fost dawn li ġew, kien hemm ex żewġ ministri ta' Settimo, Errante u Demarco, u bosta oħrajn li kellhom sehem kbir fir-rewwixta ta' Sqallija.

L-*Independant*, fis-27 ta' April, raġa' ġieb hawn kotra kbira oħra ta' nies maħruba, li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu minn Messina u minn Katanja. Dawn kienu marru f'Palermu biex jissuktaw jatu l-għajnuna tagħhom kontra n-Naplitani; iżda, mbagħad, kellhom jaħarbu huma wkoll. Wara dawn ġew ukoll xi bastimenti tal-qlugħ b'ħafna nies maħruba minn Sqallija, u, fit-2 ta' Mejju, daħal il-vapur Franċiż *Sully*, fejn miegħu ġieb 160 ruħ oħra maħruba.

Fost in-nies li kienu fuq ir-*Rhamses* meta għereq u li imbagħad salvaw u hawn ġew miġjuba fuq il-fregata Ingliża *Odin*, kien hemm il-Prinċep ta' Butera Scordia, Mariano Stabile u l-Konti M. Amari, ex Ministri ta' Ruġġieru Settimo. Magħhom kien hemm ukoll l-ex President tal-Kamra tad-Deputati, il-Markiż ta' Torrearsa; iżda dawn, il-għada li ġew, baqgħu sejrin lejn Marsilja.

Dik il-ħabta, Malta ntliet b'ħafna rifjuġati: l-aqwa Senaturi u deputati tal-Parlament Sqalli ħarbu għal hawn, flimkien ma' bosta nies oħra li kienu ħadu sehem kbir biex irnexxiet ir-rewwixta ta' Sqallija. Iżda mbagħad, billi wara xi ftit taż-żmien ir-Re ta Napli ta' l-maħfra lil-bosta nies, il-kotra l-kbira ta' dawn ir-rifjuġjati telqu lejn Arthom.

Fost dawk li ma qalgħux maħfra minn għand ir-Re tal-Borboni, wieħed minnhom kien Ruġġieru Settimo. Fuq hekk Ruġġieru baqa' hawn Malta, biex ikun qrib lejn il-għażiża Artu, dejjem imhejji għal li jista' jinqala'. Iżda Ruġġieru, billi kien imdaħħal fiż-żmien, it-taħbit li tħabat u l-għali li ġarrab meta ra li l-ħlusija ta' Artu sfat fix-xejn, keddewh u fnewh hekk, li tefgħuh malajr f'marda sewwa. Għalhekk, fis-

17 ta' April 1850, fid-disa' u nofs ta' fil-għaxija, ħareġ għalih il-Vjatku minn San Duminku u qarrbnuh. U għalkemm il-għada għadda għat-tajjeb, baqa' dejjem marradi u ma jiflaħ xejn.

Xi sena wara li Ruġġieru nxeħet marid, ġie misruq minn 200 Lira Ingliżi flus u 100 Lira oħra fi ħwejjeġ tad-deheb u fidda. Dina l-biċċa ġratlu meta kien joqgħod fil-Lukanda ta' "Bentley," fi Strada Rjali. Għal din is-serqa, ġie arrestat il-kok stess ta' Ruġġieru, li kien wieħed Sqalli. Ma' dan ġie arrestat Sqalli ieħor, ħabib tal-kok li semmejna. Dan l-Isqalli ta' l-aħħar, flimkien ma' Sqalli ieħor, qabel kien ġie arrestat ukoll, billi dawn kienu ġew mixlija li dik il-ħabta riedu jisirqu l-Bank "*Anglo-Maltese*," iżda ġew meħlusa għax il-Qorti ma sabetilhom l-ebda ħtija. Kif baqa' l-arrest tal-Kok u ta' sieħbu fuq is-serqa ta' Settimo, ma sibniex.

Meta fl-1860 Sqallija ħelset minn taħt il-madmad tal-Borbnni, Ġużè Garibaldi, fil-21 ta' Ġunju, kiteb lil Settimo. F'dina l-ittra stiednu biex jarġa' lura lejn Sqallija, ħalli jieħu sehem fil-ferħ ta' l-Isqallin, għax dawn m'humiex ħinja biżżejjed, la darba fosthom ma kienx hemm ukoll Ruġġieru Settimo, Missier il-Poplu Sqalli, dak ix-Xwejjaħ li dejjem ħadem għall-ħlusija ta' l-Isqallin.

Fit-23 ta' Ottubru ta' l-istess sena, il-Konti Cavour, fl-isem tar-Re Vittorju Manweli, talbu wkoll biex imur lejn Sqallija ħalli jieħu l-Gvern ta' hemm f'idejh. Iżda Settimo bagħat iwieġeb lil Cavour u lil Garibaldi, li mħabba saħħtu u xjuħiħitu ma satgħax jitħarrek minn hawn. B'dana kollu, Settimo bagħat iħeġġeġ lil ħutu biex jibqgħu jaħdmu għal Arthom.

Billi l-Gvern Taljan ra' li ma satgħax iqim lil Settimo blimpieg għoli li ried jatih, barra milli tah id-Dekorazjoni talkullar ta' l-Ordni tal-Lunzjata, f'Jannar ta' l-1861 għamlu President onorarju tas-Senat Taljan, ħatra li ġiet imwettqa mir-Re Taljan fit-3 ta' Frar li ġie wara.

Fi Frar ta l-1863, Settimo bagħat lis-Sindku ta' Palermu, 1000 Lira Taljana, flimkien ma' ittra, għall-ġabra li kienet qiegħda issir taħt l-isem ta' *Denaro d'Italia*. F'dina l-ittra, Settimo bagħat igħid li dawn il-flus tahom għal biex igħinu lil dawk li batew bil-brigantaġġ fl-artijiet ta' Sqallija, kif ukoll biex iħallsu sew lil dawk li wrew ħeġġa u qalb kbira filġlied mal-briganti. Fisser ukoll li dana għamlu biex juri li b'qalbu, la ma jistgħax b'ħaġ'oħra, qiegħed iħares lejn il-mixi il-quddiem ta' Artu; li jinsab ferħan f'kull ħaġa li ssir biex tissaħħaħ il-Ħakma Taljana; u biex igħin lil dawk kollha li iħarsu u jaqbżu għall-għaqda Nazzjonali minn dawk kollha li

huma kontra tagħha, sew jekk huma bil-moħbi, kemm ukoll jekk huma bid-dieher.

Fuq dina l-ittra, Settimo, fis-17 ta' April 1863, għamel dikjarazzjoni, fejn qal, li bl-ittra li bagħat, flimkien ma' l-1000 Lira Taljana li ta lis-Sindku ta' Palermu, ma kellu l-ebda ħsieb li jolkot is-setgħat qaddisa la tal-Papa u l-anqas ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa. Għaldaqstant Settimo xtaq li ikollu l-għajnuna t'Alla biex jibqa' jgħix u jmut ta' nisrani sewwa.

Il-marda ta' l-1850 baqgħet dejjem taħkem fuq Settimo, sa kemm fl-1863 ħraxitlu iżjed. Fis-16 ta' April ħżien sewwa, u billi l-marda għalbet kull kura li għamillu t-Tabib Stilone (Dr. Stilon), Settimo, wara li ġie msaħħaħ bl-aħħar Sagramenti tal-Knisja tagħna, miet fis-siegħa ta' wara nofs-inhar tat-2 ta' Mejju 1863, jum li ħabat is-Sibt.

Settimo kellu 85 sena, u meta miet kien joqgħod bid-dar il-Belt, fi Strada Forni, Nru. 136.

F'waqt il-mewt, Settimo kien imdawwar mill-Kappillan ta' San Duminku, il-P. L. Salvu Pace; minn neputi tiegħu, il-Prinċep ta' Pitalja; min-neputija, il-Barunissa ta' San Ġuljan; u minn Dr. Rafeli, ħabib tal-qalb ta' Settimo f'tul issnin ta' l-eżilju tiegħu. Dr. Rafeli kien ġie hawn Malta mħabba Settimo biex jatih il-għajnuna fi żmien il-marda tiegħu.

Il-Katavru ta' Settimo ġie ibbalzmat mit-tabib tiegħu, Dr. Stilone.

Il-konslu ta' l-Italja, il-Kav. Slythe, malli Settimo miet bagħat iħabbar, bit-telegraf, lill-Gvern Taljan, biex ifittex jibgħat bastiment tal-gwerra ħalli jġorruh lejn Palermu. Il-Gvern ta' Sardinja bagħat malajr il-vapur tal-gwerra *Malfatano*, u dan wasal hawn Malta fis-6 ta Mejju.

Malli l-aħbar tal-mewt ta' Ruġġieru Settimo waslet f'Palermu, is-Sindku ta' hemm ħareġ Proklama fil-5 ta' Mejju, fejn, barra milli għarraf lill-poplu bil-mewt ta' Settimo, ħabbar ukoll, li meta jasal il-katavru tiegħu, il-Muniċipju bi ħsiebu jagħmel funerali kbar, b'tifkira ta' Settimo li, f'tul ħajtu, dejjem kien miġjub mill-poplu. Fuq hekk, l-impiegati tal-Gvern ta' Palermu kollha libsu l-iswed, b'ġieħ u qima għal Settimo, bħala wieħed li dejjem ħadem għall-ħlusija ta' Artu.

Il-Funerali ta' Settimo hawn Malta sarulu fl-4 ta' wara nofs in-nhar. Il-Katavru tiegħu ġie meħud mid-dar ta' Strada Forni għal-Knisja ta' San Duminku tal-Belt. L-arma tiegħu ġiet imqiegħda fuq it-tebut, iżda l-kullar ta' l-Ordni tal-Lun-

zjata ġie miżmum fuq imħadda tal-bellus, mill-Kanċellier tal-Konslu Taljan.

Il-kutra ta' fuq it-tebut kienet miżmuma mill-Armirall Austin C. B.; mis-Segretarju tal-Gvernatur, Sir V. Houlton; minn Sir Adriano Dingli; mill-Markiż Drago; mill-Konti Lażżru Sant; u mill-Lt. Buller, Tenent tal-Bandiera ta' l-Armirall Martin.

Wara l-katavru mxew is-Segretarju Militari tal-Gvernatur, il-Konslu ta' l-Italja Slythe, il-Membri tal-Kunsill tal-Gvern, l-Istat Maġġur tal-vapur *Malfatano*, il-Konslijiet tal-Potenzi l-oħra, il-Membri tal-Kamra tal-Kummerċ, l-ogħla impiegati tal-Gvern, il-Fizzjali tal-Gwarniġon u bosta nies kbar oħra.

Għal fil-għaxija, il-katavru ta' Settimo ġie meħud minn San Duminku għal fuq il-vapur *Malfatano*, b'warajh l-Istat Maġġur ta' l-istess vapur u bosta nies kbar oħra.

Fid-9 ta' Mejju, il-*Malfatano* telaq minn hawn bil-katavru ta' Settimo biex jieħdu f'Palermu, ħalli hemm jindifen filqabar ta' niesu, f'Artu li tant kien iħobb u li tant f'ħajtu kien ħadem għaliha biex jeħlisha minn taħt il-madmad kiefer tal-Borboni.

Fuq il-vapur, mal-katavru ta' Settimo, mar il-qassis Dun G. Grixti biex iwasslu sa Palermu, kif hekk kien xtaq Ruġġieru Settimo stess.

Il-*Malfatano* wasal Palermu fil-10 ta' Mejju, u ġie milqugħ b'luttu kbir. Il-funeral tiegħu, kif tgħid il-*Forbice* ta' Palermu, sarulu fit-12 ta' Mejju u kienu tassew kbar. Il-katavru ta' Settimo ġie meħud fil-Knisja ta' San Duminku ta' Palermu, fejn dam hemm tlitt ijiem biex jarah kullħadd; imbagħad ġie midfun fl-istess Knisja.

F'Jannar ta' l-1866 sar Monument lil Ruġġieru Settimo f'Palermu. Fost il-flus li nġabru għal dan il-Monument, kienu ħarġu wkoll xi flus minn hawn Malta.

Ftit wara li miet Ruġġieru Settimo, dehret dikjarazzjoni oħra ta' Settimo, dikjarazzjoni li kitibha quddiem it-tabib tiegħu Stilone qabel ma miet. F'din id-dikjarazzjoni nsibu, li għal l-ittra li Settimo kien bagħat lis-Sindku ta' Palermu, l-Isqof ta' Malta ġiegħel lill-Kappillan Pace biex igħarraf lil Settimo, li kemm-il-darba ma jreġġax lura dak li qal f'dik l-ittra, billi jagħmel dikjarazzjoni oħra u fiha jgħid, "li ma kellu l-ebda ħsieb li jolqot is-setgħat qaddisa la tal-Papa dwar il-ħakma ta' Ruma, u l-anqas dawk ta' Ommna l-Knisja Imqaddsa" l-Isqof ma kienx sejjer jatih l-aħħar sagramenti tal-Knisja. Iżda Settimo deherlu li ma kienx jinħtieġ li jgiddeb ruħu, imma kien biż-żejjed li jfisser ruħu sewwa dwar dik

l-ittra, kif hekk għamel f'dik id-Dikjarazzjoni tas-17 ta' April 1863 li iżjed il-fuq semmejna.

Din id-dikjarazzjoni ngħoġbot mill-Isqof, u dan, fil-ħin li bagħat iselli għal Settimo mal-Kappillan Pace, bagħat igħidlu ukoll, li għandu jmur jagħmillu żjara ħalli jifiehmu biex jitqarben.

Fuq id-dikjarazzjoni tas-17 ta' April 1863, il-Ġurnali tal-Mażunerija Taljana, ma setgħux isibu mistrieħ; iżda meta dehret id-dikjrrazzjoni l-oħra, ħadu r-ruħ, u bdew iqassu mill-iżjed li setgħu. L-*Istampa* ta' Torin u n-*Nazione* ta' Firenze fissru d-dikjarazzjoni ta' Settimo kif riedu huma lill-boloh qarrejja tagħhom. Iżda l-*Contemporaneo* ta' Firenze, barra milli waqqgħethom għaċ-ċajt, uriet ukoll, ċar u sewwa, li, bli kal Settimo fit-tieni dikjarazzjoni, ma għamilx ħaġ'oħra ħlief wettaq dak kollu li kien qal fl-ewwel dikjarazzjoni.

**Ġużè Gatt.**